IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 11.7.2012
SWD(2012) 205 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

dwar il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali tad-drittijiet ta' xogħlijiet mużikali għal użi online fis-suq intern

{COM(2012) 372 final}
{SWD(2012) 204 final}

DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

dwar il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u ħruġ ta’ liċenzji multiterritorjali tad-drittijiet ta’ xogħlijiet mużikali għal użi online fis-suq intern

1. INTRODUZZJONI

L-industrji kreattivi jikkontribwixxu b’mod sinifikanti għall-PDG, għall-impjieg u t-tkabbir fl-UE. Id-distribuzzjoni ta’ oġġetti u servizzi protetti bid-drittijiet tal-awtur (eż kotba, films, mużika rrekordjata) teħtieġ il-ħruġ ta’ liċenzji ta’ drittijiet minn detenturi differenti (eż. awturi, artisti, produtturi). Is-soċjetajiet kollettriċi spiss huma essenzjali sabiex jiffaċilitaw il-ħruġ ta’ liċenzji ta’ dawn id-drittijiet, speċjalment meta ħruġ dirett ta’ liċenzji mid-detenturi tad-drittijiet ma jkunx fattibbli jew prattiku. Mill-perspettiva ta’ ħafna utenti kummerċjali, kemm jekk attivi f’metodi tradizzjonali (eż. ix-xandir, ir-ritrasmissjoni bil-cable) jew f’forom ġodda ta’ sfruttament (eż. download, is-servizzi ta’ streaming), ir-rwol tas-soċjetajiet kollettriċi huwa essenzjali wkoll. Barra minn hekk, huma għandhom irwol ewlieni fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali billi jippermettu li l-iżgħar u l-inqas repertorji popolari jkollhom aċċess tas-suq.

Il-ġestjoni tad-drittijiet kollettivi għandha dimensjoni ta’ Suq Uniku. Anke meta s-soċjetajiet kollettriċi joħorġu liċenzji limitati għat-territorju tagħhom, il-liċenzji tagħhom normalment ikopru d-drittijiet kemm ta’ detenturi domestiċi tad-drittijiet kif ukoll ta’ detenturi tad-drittijiet minn Stati Membri oħra. Għal użi online, is-soċjetajiet kollettriċi qed jintalbu dejjem iktar biex joħorġu liċenzji li jkopru diversi Stati Membri jew l-Istati Membri kollha.

Il-livell safejn id-detenturi tad-drittijiet u setturi differenti jiddependu fuq il-ġestjoni kollettiva jvarja, l-aktar skont il-preferenza tad-detenturi tad-drittijiet u l-ħtiġijiet u l-prattiki ta’ industriji differenti. L-awturi, partikolarment dawk ta’ xogħlijiet mużikali (kompożituri u dawk li jiktbu l-lirika), jiddependu l-aktar fuq il-ġestjoni kollettiva.

2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika żewġ problemi: problemi rigward il-funzjonament kumplessiv ta’ soċjetajiet kollettriċi (irrispettivament mill-kategorija ta' detenturi tad-drittijiet li huma jirrappreżentaw jew il-kategorija ta' drittijiet li jimmaniġġjaw) u problemi speċifiċi għall-provvista ta’ liċenzji multiterritorjali għall-isfruttament online tax-xogħlijiet mużikali. Dawn il-problemi huma interkonnessi peress li l-problemi tal-ħruġ ta’ liċenzji jirriżultaw, fil-biċċa l-kbira, mill-inkapaċità tad-detenturi tad-drittijiet għall-aċċess tal-informazzjoni u biex jeżerċitaw kontroll reali fuq ċerti soċjetajiet. F'dan is-sens, it-tieni problema (il-ħruġ ta’ liċenzji) ma tistax tissolva mingħajr ma tkun indirizzata l-ewwel waħda.

2.1. Il-funzjonament kumplessiv ta’ soċjetajiet kollettriċi

Matul is-snin, ġie adottat *acquis* tad-drittijiet tal-awtur biex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-Suq Uniku. Dan l-*acquis* jitratta kważi esklussivament id-definizzjoni tad-drittijiet, il-limitazzjonijiet u l-eċċezzjonijiet u d-dispożizzjonijiet relatati. Huma tassew ftit id-dispożizzjonijiet fid-direttivi dwar id-drittijiet tal-awtur li jittrattaw il-ġestjoni tad-drittijiet; l-ebda dispożizzjoni ma tistabbilixxi qafas għall-funzjonament tas-soċjetajiet kollettriċi. Prinċipji importanti rigward il-governanza u t-trasparenza tagħhom ġew żviluppati mill-Qorti tal-Ġusitzzja tal-Unjoni Ewropea u mid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-liġi tal-kompetizzjoni iżda dawn il-prinċipji mhumiex applikati kullimkien l-istess u b’mod xieraq fl-UE.

L-approċċ għar-regolament dwar il-ġestjoni tad-drittijiet kollettivi jvarja bejn l-Istati Membri u matul is-snin reċenti, ġiet akkumulata evidenza li turi kontrolli u bilanċi insuffiċjenti dwar il-funzjonament ta' għadd ta' soċjetajiet kollettriċi. Id-detenturi tad-drittijiet, inklużi **d-detenturi tad-drittijiet mhux domestiċi** mhumiex infurmati bis-sħiħ dwar l-attivitajiet tas-soċjetajiet tagħhom u ma jistgħux jeżerċitaw kontroll sinifikanti fuqhom, speċjalment rigward il-ġbir, il-maniġġ u d-distribuzzjoni ta' *royalties*. Hemm ukoll evidenza ta’ ġestjoni finanzjarja ħażina ta’ xi soċjetajiet; royalties dovuti lid-detenturi tad-drittijiet jakkumulaw bi ftit superviżjoni u/jew mhumiex maniġġati sew. Ħafna assoċjazzjonijiet tal-awturi, il-pubblikaturi, l-utenti kummerċjali u l-konsumaturi kkonsultati jargumentaw li hemm il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi li jiffokaw fuq il-governanza u t-trasparenza filwaqt li s-soċjetajiet kollettriċi jikkunsidraw li l-awtoregolazzjoni tkun biżżejjed.

Għad-detenturi tad-drittijiet, soċjetajiet kollettriċi li għandhom prestazzjoni ħażina jirriżultaw f'opportunitajiet (ħruġ ta’ liċenzji) mitlufa u tnaqqis ta’ spejjeż eċċessivi mill-introjtu tagħhom mir-royalties. Għall-utenti, trasparenza u responsabbiltà insuffiċjenti jwasslu għal kwalità ifqar ta’ servizzi u, f'xi każijiet, għal ħruġ ta’ liċenzji aktar għali.

2.2. Il-provvista ta’ liċenzji multiterritorjali għall-isfruttament online tax-xogħlijiet mużikali

Il-fornituri ta’ servizzi online ta’ spiss jeħtiġilhom jiżguraw liċenzji multiterritorjali tar-repertorju mużikali aggregat jew sħiħ sabiex iniedu s-servizzi tagħhom. Bħalissa huma jridu jikkombinaw għadd ta’ liċenzji multiterritorjali (minn xi soċjetajiet kollettriċi u aġenti tal-pubblikaturi tal-mużika) ma’ liċenzji territorjali (minn xi soċjetajiet kollettriċi) u din hija sistema kkumplikat u spiss tillimita l-ambitu territorjali tas-servizzi onlajn. Diversi partijiet interessati kkonsultati inklużi l-utenti kummerċjali, il-pubblikaturi u l-produtturi tad-diski jilmentaw dwar din is-sitwazzjoni u jitolbu li jkun hemm titjib fil-ħruġ ta’ liċenzji multiterritorjali għall-isfruttament online tax-xogħlijiet mużikali.

Filwaqt li għadd ta’ fatturi jikkontribwixxu għall-frammentazzjoni territorjali tal-forniment ta' mużika online, inklużi d-deċiżjonijiet kummerċjali tal-fornituri tas-servizz, il-prattiki tal-ħruġ ta’ liċenzji tad-drittijiet tal-awtur għandhom irwol importanti f'dan. Il-ħruġ ta’ liċenzji tad-drittijiet tal-awtur għal użu online ta’ xogħlijiet mużikali, speċjalment il-kisba ta’ kopertura għar-repertorju kollu ("aggregazzjoni"), huwa ħaġa diffiċli, jieħu l-ħin u huwa għali[1] għall-utenti kummerċjali (b’mod partikolari dawk żgħar u debutanti ġodda). Mhuwiex adattat għal

[1] Dawn id-diffikultajiet huma speċifiċi għal dan il-qasam parzjalment minħabba li setturi u detenturi tad-drittijiet tal-awtur oħra jiddependu ħafna inqas fuq il-ġestjoni kollettiva għal-liċenzjar tad-drittijiet onlajn u parzjalment minħabba l-mod li bih il-ġestjoni tad-drittijiet f 'xogħlijiet mużikali evolviet fl-Ewropa.

suq li jinbidel malajr ħafna. Dan huwa importanti għal utenti kummerċjali li jistennew aggregazzjoni tar-repertorju u approvazzjoni tad-drittijiet u ħruġ ta' liċenzji ssimplifikati. Ħafna soċjetajiet mhumiex mgħammra biex jimmaniġġjaw ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali online, sistema li hija impenjattiva u għalja (immaniġġjar ta' repertorji f'ġurisdizzjonijiet multipli, interazzjoni ma' fornituri ta' servizzi kbar u multiterritorjali u l-ipproċessar tad-dejta dwar l-użu ġġenerata f'ġurisdizzjonijiet differenti). Dħul fis-suq mingħajr il-kapaċità meħtieġa u r-riżorsi tekniċi, iwassal għal aktar problemi (fatturazzjoni mhux preċiża jew doppja, dewmien sinifikanti tal-fatturazzjoni għall-utenti u fil-ħlasijiet lid-detenturi tad-drittijiet). Barra minn hekk, il-ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali huwa soġġett għal inċertezza ġuridika rigward l-applikazzjoni tal-*acquis* u l-possibbiltà għas-soċjetajiet kollettriċi biex jipprovdu liċenzji li jkopru diversi pajjiżi tal-UE u/jew lil detenturi ta' liċenzja stabbiliti fi Stati Membri oħrajn.

Bħala riżultat, xi servizzi jistgħu jagħżlu li jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru wieħed biss jew fi ftit Stati Membri, hekk iċċaħħdu lilhom infushom mill-bażi ħafna akbar ta' konsumaturi li joffri s-Suq Diġitali Uniku. Alternattivament, xi servizzi jistgħu jagħżlu li jiġu mnidija abbażi ta' repertorju kbir biss, li jista' jiġi żgurat b'għadd iżgħar ta' liċenzji. Dan ikun ta' detriment għal repertorju speċjalizzat u lokali u għad-diversità kulturali. Għall-konsumaturi, dan ifisser li aċċess għal firxa wiesgħa u tipi ta' servizzi mużikali offruti mhux mifrux b'mod uniformi madwar l-UE. Għad-detenturi tad-drittijiet, l-introjtu ikbar li jista' jiġi ġenerat mill-konsumaturi li jaċċessaw ix-xogħlijiet tagħhom permezz ta' servizzi ġodda fis-Suq Uniku kollu jintilef.

3. SUSSIDJARJETÀ

Il-ġustifikazzjoni ta' azzjoni Ewropea tirriżulta min-natura tranżnazzjonali tal-problema. Għas-soċjetajiet kollettriċi kollha, sehem sinifikanti ta' kollezzjonijiet jirriżulta mir-repertorju mhux domestiku peress li dawn jirrappreżentaw drittijiet ta' detenturi tad-drittijiet barranin. Il-protezzjoni tal-interessi tad-detenturi tad-drittijiet tal-UE tirrikjedi li l-flussi kollha tar-royalties, inkluża l-flussi transfruntieri, kunu trasparenti u jingħata rendikont tagħhom. Huwa wkoll fl-interess tal-utenti kummerċjali madwar l-UE li s-soċjetajiet jiffunzjonaw b'mod effiċjenti. Dan jista' jintlaħaq biss jekk regoli bażiċi komuni jindirizzaw il-ġbir u d-distribuzzjoni tar-royalties b'mod li huwa konsistenti madwar l-UE.

L-iffaċilitar tal-ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali għall-użu ta' xogħlijiet mużikali f'servizzi online u l-aggregazzjoni ta' repertorju, huma kwistjoni transfruntieri min-natura tagħhom u b'mod ċar jistgħu jiġu solvuti aħjar fil-livell tal-UE. Qafas Ewropew għandu jiżgura li l-utenti, id-detenturi tad-drittijiet u l-konsumaturi jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet tas-Suq Diġitali Uniku.

4. GĦANIJIET

L-għan tal-inizjattiva huwa li tiżgura l-kontribuzzjoni tal-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet għall-iżvilupp tas-Suq Uniku, permezz ta' qafas ta' governanza u trasparenza koerenti u effiċjenti għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet u permezz ta' provvista mtejba ta' liċenzji multiterritorjali għal xogħlijiet mużikali. Dan għandu jgħin biex jitjieb l-aċċess tal-konsumaturi għal varjetà usa' ta' prodotti u servizzi kulturali. Utenti kummerċjali se jibbenefikaw minn funzjonament aħjar u aktar trasparenti u li jiġbor lis-soċjetajiet, u fl-ambjent online, minn qafas li jiffaċilita l-aċċess għal liċenzji għall-forniment ta' servizzi mużikali fl-UE kollha. Id-detenturi tad-drittijiet se jimmassimizzaw il-qligħ tagħhom billi

jippromwovu ħafna xogħlijiethom. Id-diversità kulturali se tiġi mrawma mid-disponibbiltà ta' repertorju ikbar u iktar diversifikat. Konsegwentement, aktar kontenut u aktar servizzi se jsiru aċċessibbli għaċ-ċittadini Ewropej, inkluż bejn il-fruntieri.

5. Opzjonijiet ta' politika dwar trasparenza u kontroll f'soċjetajiet kollettriċi

5.1. Opzjonijiet

Ġew analizzati erba' opzjonijiet, inkluża l-opzjoni 'status quo'. L-opzjoni A2 (infurzar aħjar) mhix se tinvolvi ebda intervent leġiżlattiv u ser isserraħ biss fuq l-infurzar ta' regoli nazzjonali u tal-UE eżistenti. L-Opzjoni A3 (kodifikazzjoni ta' prinċipji eżistenti) se tinvolvi l-kodifikazzjoni ta' regoli eżistenti tal-UE u rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet. L-Opzjoni A4 (qafas ta' governanza u trasparenza) se tikkomplimenta l-Opzjoni A3 b'regoli bbażati fuq il-prinċipju li "jimlew il-laguni" u jkunu speċifikament adattati għan-natura tal-ġestjoni tad-drittijiet kollettivi (trasparenza tal-operazzjonijiet finanzjarji u l-parteċipazzjoni tad-detenturi tad-drittijiet fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet). Is-subopzjoni A4 se tikkombina intervent regolatorju mal-awtoregolamentazzjoni industrijali. Is-subopzjoni A4b tinvolvi aktar leġiżlazzjoni estenżiva li toħloq qafas legali eżawrijenti għas-soċjetajiet kollettriċi kollha fl-Ewropa.

5.2. Impatti

Infurzar aħjar se jtejjeb is-sorveljanza regolatorja tas-soċjetajiet kollettriċi iżda l-ineffiċjenzi tal-governanza se jkunu indirizzati sa ċertu punt biss u b'konsegwenza, il-kontroll tad-detenturi tad-drittijiet fuq is-soċjetajiet kollettriċi ma jitjiebx b'mod sinifikanti. L-opzjoni A3 tkun iktar effettiva peress li se tintroduċi qafas ta' governanza u trasparenza minimi iżda mhux se ttejjeb il-kwalità ta' kwistjonijiet ewlenin bħall-ġestjoni finanzjarja. L-opzjoni A4 se tipprovdi lid-detenturi tad-drittijiet b'aċċess għal informazzjoni referenzjali rilevanti, ddettaljata u preċiża dwar il-prestazzjoni tas-soċjetajiet, inkluża informazzjoni finanzjarja, u se tiżgura l-parteċipazzjoni effettiva tad-detenturi tad-drittijiet fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Is-subopzjoni 4a u s-subopzjoni A4b jistgħu jwasslu għal riżultati simili imma l-esperjenza tal-passat tqajjem dubji dwar l-effikaċja tas-subopzjoni A4a, filwaqt li s-subopzjoni A4b ma tħalli l-ebda flessibbiltà għall-Istati Membri fir-regolamentazzjoni tas-soċjetajiet kollettriċi.

5.3. Spejjeż

L-Opzjoni A2 mhix se toħloq spejjeż għall-konformità għas-soċjetajiet kollettriċi peress li din ma tirrijkedi ebda intervent leġiżlattiv. Il-piż se jkun fuq il-Kummissjoni u fuq l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar. L-Opzjoni A3 se tirrikjedi l-istabbiliment ta'mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim għad-detenturi tad-drittijiet u l-utenti (l-ispejjeż reali se jvarjaw skont in-natura tal-mekkaniżmu magħżul). L-ispejjeż tal-opzjoni preferuta A4 se jkunu relattivament ogħla, peress li din l-opzjoni tgħaqqad l-Opzjoni A3 u elementi addizzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-ispejjeż addizzjonali tal-Opzjoni A4 se jkunu relatati mal-applikazzjoni tar-regoli ġodda għall-immaniġġar ta' fondi (ma hemmx dejta disponibbli għall-istima ta' dawn l-ispejjeż) u tar-rappurtar finanzjarju u l-awditjar (l-ispiża annwali hija stmata għal madwar EUR 4.1 miljun bħala medja għas-soċjetajiet kollettriċi kollha tal-UE. Madankollu, l-ispiża tal-Opzjoni A4 trid titqies b'rabta mal-gwadann f'termini ta' effiċjenza li għandu jintlaħaq permezz ta' din l-opzjoni. L-ispejjeż tas-Subopzjoni A4a se jiddependu fuq

il-firxa ta' regoli maqbula waqt djalogu mal-partijiet interessati. Is-Subopzjoni A4b tirriżulta fl-ogħla spejjeż għall-konformità.

6. L-OPZJONIJIET FUQ IL-PROVVISTA TA' LIĊENZJI MULTITERRITORJALI GĦAL UŻU ONLINE TA' XOGĦLIJIET MUŻIKALI

6.1. Opzjonijiet

Ġew analizzati ħames opzjonijiet, inkluża l-opzjoni 'status quo'. L-Opzjoni B2 (Passaport Ewropew għall-Ħruġ ta' Liċenzji) se tinkoraġġixxi aggregazzjoni ta' repertorju għal użi online ta' xogħlijiet mużikali fil-livell tal-UE kif ukoll il-ħruġ ta' liċenzji ta' drittijiet permezz ta' infrastrutturi effettivi u risponsivi għall-ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali. Se tagħmel dan billi tirrikjedi li soċjetajiet kollettriċi li jixtiequ joħorġu liċenzji għal drittijiet onlajn ta' xogħlijiet mużikali fuq bażi multiterritorjali, jikkonformaw ma' sett ta' kondizzjonijiet predefiniti maħsuba biex jiżguraw maniġġar tad-dejta u kapaċitajiet ta' fatturazzjoni suffiċjenti, konformità ma' ċerti standards ta' trasparenza fir-rigward tad-detenturi tad-drittijiet u l-utenti u l-ambitu għall-użu ta' mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim. Dritt li repertorju jkun ittegjat lil 'entità b' passaport' se jiżguraw li d-detenturi tad-drittijiet kollha jkunu jistgħu jkollhom id-drittijiet tagħhom liċenzjati fuq bażi multiterritorjali.

L-Opzjoni B3 (ħruġ ta' liċenzji dirett parallell) se jagħti lid-detenturi tad-drittijiet il-kapaċità li jikkonkludu liċenzji diretti mal-utenti, flimkien mas-sħubija tagħhom mas-soċjetà kollettriċi. Sabiex jinkiseb dan, il-mandati tas-soċjetajiet se jkollhom isiru mhux esklussivi: detentur tad-drittijiet ma jibqax ikollu jirtira d-drittijiet tiegħu minn soċjetà sabiex hu stess joħroġ liċenzji.

L-Opzjoni B4 (ħruġ ta' liċenzji kollettiv u estiż u prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini) se tistabbilixxi presuppożizzjoni li s-soċjetà kollettriċi ta' kull awtur kellha l-awtorità toħroġ liċenzji ġenerali għal użi online li jkopru r-repertorju kollu, suġġett għall-possibbiltà għad-detenturi tad-drittijiet (u soċjetajiet oħrajn) oħra li jagħżlu li ma jipparteċipawx f'dawn il-liċenzji. Dan se jkun ikkombinat mal-istabbiliment tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini sabiex il-liċenzja/i jinħarġu taħt il-liġi ta' Stat Membru wieħed biss.

L-Opzjoni B5 (Portal Ċentralizzat) se tippermetti lis-soċjetajiet kollettriċi jippuljaw ir-repertorju tagħhom f'portal ċentrali għall-ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali. Din l-opzjoni se tippermetti l-ħolqien ta' organizzazzjoni pan-Ewropea b'setgħa ta' monopolju *de facto* u toħloq tħassib *prima facie* dwar il-kompetizzjoni. Għaldaqstant, l-impatti ta' din l-opzjoni ma ġewx analizzati.

6.2. Impatti

L-opzjoni B2 se twassal għall-aggregazzjoni ta' repertorji fl-entitajiet li joħorġu l-liċenzji u se tippermetti lis-soċjetajiet kollha joħorġu liċenzji għar-repertorju tagħhom fuq bażi multiterritorjali permezz ta' dawn l-entitajiet. L-opzjoni B3 tippermetti lid-detenturi tad-drittijiet joħorġu liċenzji flessibbli u risponsivi paralleli diretti għal servizzi online, u biex jibbenefikaw mit-titjib fil-ġestjoni tas-servizzi. Madankollu tkun qiegħda wkoll f'riskju li toħloq sistema ta' ħruġ ta' liċenzji fuq żewġ livelli, bir-reportorju iżgħar lokali jew speċjalizzat f'livell iktar baxx, u jkollha impatt negattiv fuq id-diversità kulturali. L-opzjoni B4 se tpoġġi lis-soċjetajiet lokali kollha f'pożizzjoni *prima facie* biex jamministraw id-drittijiet tar-repertorju kollu fuq bażi multiterritorjali, mingħajr ma tiżgura li dawn is-soċjetajiet kienu kapaċi jipprovdu ħruġ ta' liċenzji adegwati għall-utenti jew li d-drittijiet tad-

detenturi tad-drittijiet kienu mmaniġġjati kif xieraq. Huwa wkoll probabbli li twassal biex dawk is-soċjetajiet u d-detenturi tad-drittijiet li diġà joħorġu liċenzji multiterritorjali jagħżlu li ma jipparteċipawx f'soċjetajiet lokali (li toħloq aktar diżaggregazzjoni).

6.3. Spejjeż

L-opzjoni B2 se tinvolvi spejjeż għal "entitajiet b'passaport" iżda se ttejjeb l-effettività tas-servizzi tal-ġestjoni tad-drittijiet ipprovduti. Dawk l-entitajiet li jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jilaħqu ma' dawn l-ispejjeż biss se jkunu mistennija jġarrbuhom, filwaqt li soċjetajiet oħrajn jistgħu jużaw is-servizzi ta' tali entitajiet. L-opzjoni B3 se tkun l-orħos opzjoni, peress li teħtieġ biss li l-mandati tas-soċjetajiet kollettriċi jsiru mhux esklussivi. L-opzjoni B4 se tirrikjedi lill-Istati Membri jżidu s-superviżjoni tas-soċjetajiet li joħorġu liċenzji estiżi, u tinvolvi spejjeż għas-soċjetajiet (għan-notifikazzjoni tal-Istati Membri u l-bdil l-istatuti tagħhom biex jissalvagwardjaw id-drittijiet ta' detenturi tad-drittijiet "mhux rappreżentati") u għad-detenturi tad-drittijiet u s-soċjetajiet li jkollhom bżonn jagħżlu li ma jwettqux attivitajiet ta' ħruġ ta' liċenzji multiterritorjali tagħhom stess.

7. GĦAŻLA TAL-POLITIKA

Qafas ta' governanza u trasparenza (Opzjoni A4) ikkombinata mal-Passaport Ewropew għall-Ħruġ ta' Liċenzji (Opzjoni B2) huwa l-aktar mod xieraq biex jintlaħqu l-għanijiet.

8. GĦAŻLA TA' STRUMENT

Direttiva tiżgura bl-aħjar mod standards effettivi u koerenti ta' governanza u trasparenza madwar l-UE, filwaqt li tippermetti Stati Membri individwali jadattaw ir-reġim ġuridiku eżistenti tagħhom. Direttiva tippermetti wkoll gradi differenti ta' armonizzazzjoni li tiddependi fuq l-aspetti speċifiċi issemmija, li huwa partikolarment importanti minħabba l-oqsma differenti, għalkemm relatati li se jiġu rregolati.

9. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Immedjatament wara l-adozzjoni tal-proposta, il-Kummissjoni se torganizza laqgħat ta' ħidma tat-traspożizzjoni mar-rappreżentanti tal-Istati Membri biex tgħinhom fil-proċess tat-traspożizzjoni u biex tiffaċilta l-iskambju reċiproku ta' informazzjoni.

F'terminu ta' żmien medju sa twil, il-Kummissjoni se tiffoka fuq il-monitoraġġ, abbażi ta' sett ta' indikaturi definiti tajjeb, effetti diretti bħat-titjib fit-trasparenza u l-governanza tas-soċjetajiet kollettriċi u fil-faċilità tal-kisba ta' liċenzji multiterritorjali.

L-ewwel *evalwazzjoni* komprensiva tista' ssir 5 snin wara d-data tat-traspożizzjoni.